MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru 197/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia**
**Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**John Paul Charles Woods**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ John Paul Charles Woods ta’ wiehed u tletin sena (31) bin Kim Read u Miriam neè Woods, imwieled Portsmouth, fir-Renju Unit nhar il-21 ta’ Lulju 1980 u residenti 119, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 2004880(P), talli:

Nhar id-19 ta’ Frar 2012, ghall-haba tas-2:15p.m. minn gol-hanut bl-isem “Gem Stone Jewellery” fi Triq il-Mina l-Kbira, Birgu:

1. Ikkommetta serq ta’ flus u ta’ “mobile phone” tal-marka Nokia C6, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-detriment ta’ Antoinette Cassar u/jew ta’ persuna/i u/jew ta’ xi entità u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Antoinette Cassar kontra l-volontà taghha;

3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Aktar, talli nhar it-13 ta` Frar 2012, ghall-habta tal-5:10p.m. minn gol-hanut ‘‘Sphinx” Pastizzeria, sitwat fi Triq Hal Luqa, Qormi:

4. Flimkien ma’ persuna/i ohra kkommetta serq ta’ flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-detriment ta’ Patrick Portelli u Charmaine Portelli u/jew ta’ persuna/i u/jew ta’ xi entità u/jew entitajiet ohra;

5. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charmaine Portelli kontra l-volontà taghha;

6. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Aktar talli fil-11 ta` Frar 2012, ghall-habta tas-7:15p.m. minn go hanut bl-isem ‘‘Tal-Lira” sitwat fi Triq Il-Qawra, San Pawl il-Bahar:

7. Flimkien ma’ persuna/i, ohra kkommetta serq ta` flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-detriment ta’ tal-Lira Ltd., ta` Joseph Sant u/jew ta’ persuna/i u/jew ta’ xi entità u/jew entitajiet ohra;

8. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Georgianne Coppola kontra l-volontà taghha;

9. Ukoll talli garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu, xi skieken jew strumenti li jaqtghu jew bil-ponta, ta’ liema xorta tkun, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

10. Kif ukoll talli sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li f’kaz ta’ htija, oltre li timponi l-pieni idoenji, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri ai termini ta’ l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament il-fedina penali ta’ l-imputat markata bhala Dok. “TC1”, ir-rapporti tal-Pulizija dwar is-serqiet in kwistjoni markati bhala Dok. “TC2” sa’ “TC4”, tlett stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat markati Dok. “TC5” sa’ “TC7”, Dikjarazzjoni ta’ Rinunzja ghad-Dritt tal-Parir Legali ta’ l-Avukat markata bhala Dok. “TC8” u l-Karta ta’ l-Identità ta’ l-imputat markata bhala Dok. “TC9”;

Semghat lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija da parte ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-istess akkuzi. Ghall-finijiet ta' piena, ghalkemm hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri w ikkoopera mal-Pulizija, ma tistax tinjora dak li jirrizulta mill-fedina penali ta' l-imputat, il-gravità tar-reati li taghhom qed jinstab hati u l-fatt li l-istess reati gew imwettqa fuq medda ta' ftit jiem u dejjem bis-sewkestru ta' persuna femminili.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 49, 50, 64, 86, 261(a),(c) u (f), 262(a) u (b), 267, 270, 275, 277(a), 279(a) u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal erba' (4) snin prigunerija effettiva. In oltre ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska ta' l-armi li gew uzati waqt ir-reati li taghhom l-imputat qed jinsab hati.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li apparte l-piena li qed tigi imposta ghar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, jigi kkundannat ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas l-ispejjez relattivi ghall-hatra ta' esperti f'dan il-kaz. Madanakollu ma rrizultax li kien hemm tali hatra ta' esperti fil-kaz in ezami u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------